DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2021/486

tal-15 ta' Marzu 2021

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-proċedura bil-miktub mill-Parteċipanti għall-Ftehim Settorjali dwar il-Krediti ta' Esportazzjoni għall-Inġenji tal-Ajru Ċivili li jinsab fl-Anness III għall-Arranġament dwar il-Krediti għall-Esportazzjoni Appoġġati b'mod Uffiċjali fir-rigward tal-Linja Komuni dwar id-differiment temporanju tar-ripagament tal-kapital tas-self

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-linji gwida li jinsabu fl-Arranġament dwar il-Krediti għall-Esportazzjoni Appoġġati b'mod Uffiċjali, inkluż il-Ftehim Settorjali dwar il-Krediti ta' Esportazzjoni għall-Inġenji tal-Ajru Ċivili ("Ftehim Settorjali għall-Inġenji tal-Ajru") li jinsab fl-Anness III tiegħu, japplikaw fl-Unjoni permezz tar-Regolament (UE) Nru 1233/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).

(2) Skont l-Artikolu 28 tal-Ftehim Settorjali għall-Inġenji tal-Ajru, proposti dwar il-Linji Komuni għandhom jiġu indirizzati lis-Segretarjat tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi.

(3) Il-pandemija tal-COVID-19 u t-tnaqqis ekonomiku li rriżulta affettwaw severament lill-industrija tal-avjazzjoni ċivili, li n-negozju tagħha huwa mhedded mill-problemi ta' likwidità f'medda ta' żmien qasis tal-operaturi ta' inġenji tal-ajru u tax-xerrejja ta' inġenji tal-ajru u ta' magni ġodda. Fid-dawl tat-tnaqqis ekonomiku attwali u li qed jiżviluppa u sabiex titnaqqas is-severità tal-impatt tiegħu, l-Unjoni għandha tipproponi Linja Komuni dwar id-differiment temporanju tar-ripagament tal-kapital tas-self għall-akkwist ta' inġenji tal-ajru u ta' magni ġodda (il-"Linja Komuni proposta").

(4) Skont il-Parti 4, Taqsima 3 tal-Ftehim Settorjali għall-Inġenji tal-Ajru, il-Parteċipanti għall-Ftehim Settorjali għall-Inġenji tal-Ajru għandhom jiddeċiedu permezz tal-proċedura bil-miktub dwar il-Linja Komuni proposta.

(5) Il-Linja Komuni proposta tippermetti lill-akkwirenti ta' inġenji tal-ajru ġodda kif definit fl-Artikolu 8(a)(1) tal-Ftehim Settorjali għall-Inġenji tal-Ajru u l-akkwirenti ta' magni ta' riżerva u spare parts kif definit fl-Artikolu 20(a), (b) u (c) tiegħu li jiddifferixxu r-ripagamenti tal-kapital tas-self għal 12-il xahar wara l-konsenja tal-merkanzija akkwistata jew, jekk jiġu ssodisfati ċerti kundizzjonijiet, għal 18-il xahar wara l-konsenja tal-merkanzija akkwistata.

(6) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fir-rigward tal-Linja Komuni proposta fil-proċedura bil-miktub mill-Parteċipanti fil-Ftehim Settorjali għall-Inġenji tal-Ajru, billi l-Linja Komuni proposta, ladarba tiġa miftiehma, ser tkun vinkolanti fuq l-Unjoni u kapaċi li tinfluwenza b'mod deċiżiv il-kontenut tal-Unjoni, jiġifieri r-Regolament (UE) Nru 1233/2011,

([1]) Ir-Regolament (UE) Nru 1233/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar l-applikazzjoni ta' ċerti linji gwida fil-qasam tal-krediti ta' esportazzjoni uffiċjalment appoġġati u li jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2001/76/KE u 2001/77/KE (ĠU L 326, 8.12.2011, p. 45).

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-proċedura bil-miktub mill-Parteċipanti għall- Ftehim Settorjali dwar il-Krediti ta' Esportazzjoni għall-Inġenji tal-Ajru Ċivili li tinsab fl-Anness III għall-Arranġament dwar il-Krediti għall-Esportazzjoni Appoġġati b'mod Uffiċjali fir-rigward tal-Linja Komuni dwar id-differiment temporanju tar-ripagament tal-kapital tas-self għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz propost tal-Linja Komuni (*).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Marzu 2021.

Għall-Kunsill
Il-President
A. P. ZACARIAS

(*) Ara d-dokument ST 5390/21 fuq http://register.consilium.europa.eu